**FIL-QORTI TAL-MAĠISTRATI (MALTA)**

**BĦALA QORTI TA' ĠUDIKATURA KRIMINALI**

**DR. RACHEL MONTEBELLO B.A. LL.D.**

**MAĠISTRAT**

**Kumpilazzjoni Nru: 394/2021**

**IL-PULIZIJA**

**(Spettur Audrey Micallef)**

**-Vs-**

**CHRISTOPHER ZAMMIT**

**Illum, 1 ta' Diċembru 2022**

**Il-Qorti,**

Rat l-imputazzjonijiet miġjuba fil-konfront ta' **CHRISTOPHER ZAMMIT**, iben Alfred Zammit u Rosina nee' Mifsud imwieled il-Pieta' nhar it-18 ta' Frar 1982 u residenti ġewwa 33, Nenvie, Triq il-Kappillan Valletta, Hamrun u detentur tal-karta tal-identità 0126382M / Mob: 79268308 li tressaq quddiemha akkużat talli fl-20 ta' Ġunju 2021 u fil-21 ta' Ġunju 2021 ġewwa l-Ħamrun, b'diversi atti magħmulin f'ħinijiet u okkażjonijiet differenti iżda li jiksru l-istess dispożizzjoni tal-liġi u li kienu magħmulin b'riżoluzzjoni waħda :-

1. Ikkaġuna lil ommu u cioe' **Rosina Zammit**, li għandha l-eta' ta' 70 sena, fastidju meta ġab ruħu b'mod li missu kien jaf li kien qed ikun tali.

2. Bla ordni skond il-liġi ta' l-awtorita' kompetenti, u barra mill-każijiet li fihom il-liġi tagħti s-setgħa lill-privat li tarresta lill-ħati, arresta, żamm jew issekwestra lil ommu u cioe' Rosina Zammit, li għandha l-eta' ta' 70 sena, kontra l-volonta' tagħha.

3. Bil-ħsieb li jikkaġuna ferita ta' natura ħafifa fuq il-persuna ta' ommu Rosina Zammit, li għandha l-eta' ta' 70 sena, wera dan il-ħsieb b'atti esterni u ta bidu għall-esekuzzjoni ta' dan id-delitt permezz t' arma li taqta' u bil-ponta, liema delitt ma ġiex esegwit minħabba xi ħaġa aċċidentali w indipendenti mill-volonta tiegħu.

4. Insulenta, hedded jew inġurja bi kliem jew b'mod ieħor lil ommu Rosina Zammit.

5. Għamel inġurji jew theddid mhux imsemmijja band'oħra fil-kodiċi kriminali jew jekk kien ipprovokat, inġurja b'mod li ħareg barra mill-limiti tal-provokazzjoni.

U iktar talli bejn l-**10 ta' Mejju 2021** u il-**21 ta' Ġunju 2021**, ġewwa l-Ħamrun u f'diversi postijiet ġewwa dawn il-Gzejjer, b'diversi atti magħmulin f'ħinijiet u okkazzjonijiet differenti iżda li jiksru l-istess dispożizzjoni tal-liġi u li kienu magħmula b'riżoluzzjoni waħda:

6. Kiser Ordni ta' Protezzjoni mogħtija lilu mill-Mgt. Dott. Doreen Clarke, LLD nhar l-10 ta' Mejju, 2021.

7. Kiser il-kundizzjonijiet tal-liberta proviżorja imposti mill-Qorti tal-Maġistrati preseduta mill-Maġistrat Dott. Rachel Montebello, LL.D., f'dan li ma

jikkommettiex delitt ieħor ta' natura volontarja waqt li jkun meħlus mill-arrest, fost kundizzjonijiet oħra kif ordnat li jagħmel mill-istess Qorti.

Il-Qorti hija mitluba li f'każ ta' ħtija tirrevoka l-ħelsien mill-arrest ta' l-imsemmi Christopher Zammit u tordna l-arrest mill-ġdid ta' l-imsemmi imputat kif ukoll tordna li s-somma ta' 4,000 euro (erbat elef) bħala garanzija personali jgħaddu favur il-Gvern ta' Malta.

Il-Qorti hija ġentilment mitluba li f'kaz ta' ħtija, minbarra li tinfliġġi l-piena stabbiliti mill-liġi, tordna lill-imsemmi Christopher Zammit sabiex iħallas l-spejjeż li għandhom x'jaqsmu mal-ħatra tal-esperti, jekk ikun il-każ.

Semgħet lill-imputat jiddikjara waqt l-eżami li mhux ħati[1];

Rat in-nota tal-Avukat Generali tat-25 ta' Lulju 2022 fejn, għall-finijiet tal-Artikolu 370(3)(a) tal-Kodici Kriminali, indika l-artikoli tal-liġi li abbażi taghhom, hemm maħsub li tista' tinstab ħtija, u cioe`:

- Fl-artikoli **18; 251A(1)(a)(b)(2) (4); 222(1)(a); 251H(a) (b); 251HA; u 202(h)(iii)(v)(l)** tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta;
- Fl-artikoli **18; 86; 87(1)(e) (c)(h); u 202(h) (iii) (v) (l)** tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta;
- Fl-artikoli **18; 41(1)(a); 64(1); 214; u 221(1)(2)** tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta;
- Fl-artikoli **18 u 339(1)(d)** tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta;
- Fl-artikoli **18 u 339(1)(e)** tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta;
- Fl-artikoli **18 u 412C(11)(12)** tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta;
- Fl-artikoli **18 u 579(2)** tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta;

[1] Saret korrezzjoni fl-akkużi fis-seduta tat-18 ta' Settembru 2020.

Semgħet lill-imputat waqt l-udjenza tat-28 ta' Settembru 2022 jiddikjara li m'għandux oġġezzjoni li dawn il-proċeduri jiġu trattati u deċiżi bil-proċedura sommarja minn din il-Qorti bħala Qorti tal-Ġudikatura Kriminali;

Semghet ix-xhieda u rat il-provi u d-dokumenti kollha;

Rat l-atti kollha;

Semgħet it-trattazzjoni orali tal-Prosekuzzjoni u d-difiża waqt is-seduta tal-10 ta' Novembru 2022;

Rat illi l-kawża ġiet imħollija għal-lum għas-sentenza;

Ikkunsidrat;

Dawn il-proċeduri nibtu minn rapport li għamlet Rosina Zammit, omm l-imputat, fil-21 ta' Ġunju 2022 dwar inċident li fir-residenza tagħha ġewwa 33, Triq il-Kappillan Valletta, Ħamrun fl-20 ta' Ġunju 2021.

**Rosina Zammit** xehdet illi fid-19 ta' Lulju 2021 filgħaxija hija tat xi flus lil binha, l-imputat, biex bihom jixtri droga u qaltlu biex jieħu ħsiebhom għaliex ma kellhiex iktar flus, fejn hu assiguraha li l-flus kellhom iservuh żgur. Madankollu, l-għada fil-għodu l-imputat qalilha li huwa kien nefaq il-flus kollu li kienet tatu għaliex ma kienx irnexxielu jorqod, fejn weġbitu li ma kellhiex minn fejn iġġib iktar flus. Hu beda jgħidilha li mingħajr droga kien ser jiġi « *sick* » iżda hi qatlu biex iċempel lil xi ħadd forsi jtuh id-droga. Hi fehmet li xi ħadd qallu li seta' jġiblu d-droga wara s-7.00 p.m. u l-imputat qalilha li ser jibqa' fir-residenza tagħha jistenna sakemm isir il-ħin biex iġibulu d-droga. Xehdet illi meta sar il-ħin u ma ġie ħadd, l-imputat beda jippanikja iżda hi qaltlu li dik biċċa tiegħu u jrid jara x'ser jagħmel ġaladarba ma jridx imur id-Detox biex jieħu l-mistura minn hemmhekk.

Rosina Zammit kompliet tixhed illi l-imputat beda jirrabja u sar aggressiv : dan kien għall-ħabta tad-9.30 p.m. F'daqqa waħda, hu daħal fil-kamra tiegħu u ġie għaliha fis-salott « *ifferoċjat* », ħareġ mus u hekk kif kien madwar metru 'l bogħod minnha bil-mus aħdar f'idejh, ippuntah lejha u mingħajr ma messha jew għamel xi mossa u mingħajr ma avviċinaha iktar, qalilha « *għax b'dan inċarrtek ... jekk mhux ser iġġibli* ». Hi dak il-ħin twerwret minnu u bdiet tibki, qaltlu «*x'għamiltlek jien ?* » « ... *għamilt tant għalik ... b'dan trid toqtolni lili ?* » Ix-xhud ma setgħetx tiftakar jekk il-mus kienx miftuħ u ma tiftakarx lanqas jekk ratx ix-xafra tiegħu. Hawnhekk l-imputat telaq, daħal fil-kamra tagħha u ħadilha l-SOS li tużaha biex iċċempel u ħadilha wkoll il-mobile u t-telephone u qalilha li b'hekk ma tkunx tista' ċċempel għall-għajjutid-darba.

Xehdet ukoll illi l-imputat poġġa dawn l-affarijiet ġo kaxxa tal-għodda li sakkarha b'katnazz, u lilha qalilha biex tidħol fil-kamra tagħha u ma toħroġx minn hemm[2]. Għalqilha l-bieb u kellha tibqa' fil-kamra tagħha bil-ħwejjeġ ta' taħt u għalkemm il-bieb tal-kamra tagħha ma jissakkarx, dan jagħmel ħoss meta jinfetaħ u għalhekk bdiet tibża' toħroġ mill-kamra ma jmurx binha jkun wara l-bieb jew iqum. Imbagħad, kif saru t-3.00 a.m. iddeċidiet tipprova tiftaħ il-bieb mingħajr ma tagħmel ħoss u meta ttawwlet, rat lil binha rieqed fil-kamra tiegħu fejn maġenbu kellu mazz ċwievet u ħadithom. Rożina Zammit xehdet illi hija marret fil-kamra tagħha u ppruvat b'dawn iċ-ċwievet tiftaħ il-katnazz tal-kaxxa tal-għodda, fejn kif irnexxielha tiftaħha, sabet l-SOS, it-telephone u l-mobile u bagħtet messaġġ lit-tifla tagħha Janet fejn qaltilha li qed tinżamm ostaġġ fid-dar mit-tifel.

Ftit tal-ħin wara semgħet xi ħadd isabbat fuq il-bieb tad-dar u daħlu tliet Pulizija u qalulha biex tinżel, fejn hi spjegatilhom li binha kien rieqed. Ħarġet tistenna barra u ftit tal-ħin wara, waslet it-tifla u qaltilha biex tistenna fil-karozza tagħha u biex tħallu fidejha. Il-Pulizija ħarġu lil Christopher mid-dar u huma marru jagħmlu rapport id-Depot. Xehdet hekk: "*Jien ma nistax nibqa' sejra hekk, jien nixtiequ jagħmel il-*

[2] "qalli idħol hemm ġew u aera toħroġ mill-kamra tiegħek" – fol. 50.

*programm*" u semmiet inċident ieħor li kien seħħ fit qabel fejn binha heddidha b'xabla għaliex ma kellux flus għad-droga.

Xehdet ukoll illi ftit taż-żmien qabel, binha kien mar joqgħod f'garaxx peress li ma setax jibqa' joqgħod għandha iżda xorta waħda baqa' ġej u sejjer għandha biex jitlob għall-flus fejn beda wkoll ixaxkar ħafna affarijiet għal ġo dan il-garaxx. Ikkonfermat illi madwar ġimagħtejn qabel, l-imputat ma baqax jgħix f'dan il-garaxx peress li kien hemm ħafna wirdien u kien reġa' ġie jorqod fid-dar tagħha. Rożina Zammit fissret ukoll illi f'dawn il-ġimagħtejn binha kien qed jitlobha l-flus kważi kuljum jekk mhux kuljum "*forsi darba iva u darba le*", xi €40 kull darba u ġiet daharha mal-ħajt. Ma setgħetx ma tagħtihx flus kull darba li kien jitlobha: "*għax jibqa' jeqred, jibqa' jeqred*" u kien ikollha tara minn fejn ser iġġib il-flus u kienet anke tmur għand ħutha għall-flus: "*għax tant kien jgħajjini, jibqa' jdur miegħi 'ma ara x'ser tagħmel, minn fejn', kont nagħmillu 'mur mixja oħroġ ftit mid-dar*". Kienet tgħidlu wkoll biex jagħmel programm, fejn kien iweġibha li kapaċi jfieq waħdu.

**Janette Zammit**, oħt l-imputat, xehdet illi fil-21 ta' Ġunju 2021 meta qamet fl-4.30 a.m., sabet messaġġ fuq il-mobile mingħand ommha, Rożina Zammit fejn kitbet hekk:- "*Dan iż-żibel żammni ostaġġ, ħadli l-mobile, it-telephone u l-SOS. Daħħalhom fil-kamra tiegħu u lili ma ridnix noħroġ mill-kamra tiegħi u qal li ser jibla' ħafna pinnoli, issa dħalt fil-kamra u ġibthom il-mobile, issa x'ser nagħmel, ma stajtx inqajmek toqgħodx tinqala', x'għandi nagħmel please?*"[3] Kif rat dan il-messaġġ, li kien inbtagħat ħafna ħin qabel, iddeċidiet li ma jkunx prudenti li ċċempel lil ommha ma jmurx ħuha jismagħha u jqum, u ċemplet minflok lil 112 fejn spjegatilhom li s-sitwazzjoni hija waħda perikoluża ħafna u marret fuq il-post. Kif waslet għand ommha, rat li l-Pulizija kienu waslu qabilha fuq il-post u lil ommha sabitha barra d-dar tibki u fi stat ta' paniku, fejn qaltilha li kienet imwerwra għaliex Christopher kien mar għaliha b'mus. Rat lill-Pulizija joħorġu lil ħuha mid-dar u marret flimkien ma' ommha biex tagħmel rapport id-Depot. Xehdet ukoll li ftit tax-xhur qabel kien hemm inċident ieħor fejn l-imputat kien hedded lil ommhom b'xabla.

---

[3] Dan il-kliem tal-messaġġ ix-xhud nizzlithom fuq karta, Dok. JZ1.

Ikkunsidrat;

L-imputat qed jiġi mixli li aġixxa b'mod li fl-20 ta' Ġunju 2021 u fl-21 ta' Ġunju 2021, ikkaġuna fastidju lil ommu Rozina Zammit, issekwestraha illegalment kif ukoll għamel tentattiv biex jikkaġunalha ġrieħi ħfief permezz ta' arma li taqta' u bil-ponta. Jinsab mixli wkoll bir-reat kontravvenzjonali taħt l-Artikoli 339(1)(e) tal-Kap. 9.

Hu minnufih evidenti u mhux kontestat, illi l-imputat għandu problema serja ta' dipendenza fuq id-droga. Il-Qorti fehmet ukoll illi huwa kien ripetutament jitlob lil ommu għall-flus biex isostni dan il-vizzju u fir-retroxxena ta' dawn il-proċeduri hija riskontrat omm anzjana għaddejja mill-martirju li jġib magħha d-dipendenza ta' binha fuq id-droga. Vizzju li bħalma jaf kulħadd, inevitabbilment iwassal biex ikisser il-ħajjiet mhux biss ta' min jiddependi mid-droga iżda iktar minn hekk tal-familja tiegħu u l-persuni li jħobbuh, billi joħloq miżerja, frustrazzjoni, fastidju, dwejjaq, litiġji kif ukoll faqar.

Il-Qorti fehmet illi Rożina Zammit sabet ruħha bejn ħalltejn fejn min-naħa l-waħda, għalkemm ma riditx tagħti flus lil binha u riditu jagħmel programm biex ifieq minn dan il-vizzju, min-naħa l-oħra ma kellhiex għażla ħlief li terfa' l-piż li din id-dipendenza ġġib magħha peress li binha kien jgħix magħha u ma kienx iħalliha bi kwietha meta kien ikollu bżonn il-flus biex jixtri d-droga. Fix-xhieda tagħha spjegat illi jekk l-imputat ma jkollux flus biex jixtri d-droga, kien jiġi « *sick* » u kien jibqa' jiffittaha persistentement, il-ħin kollu, u kien iġiegħlha wkoll tmur għand ħutha għall-flus. Kemm hu hekk, jirriżulta mix-xhieda tal-vittma kif ukoll ix-xhieda ta' oħtu Janette Zammit, illi l-episodju taħt skrutinju ma kienx l-ewwel darba li l-imputat wasal biex jhedded lil ommu biex tagħtih il-flus, tant illi darba minnhom uża xabla biex jheddidha. Jirriżulta li l-imputat kien jitlobha madwar €40 kuljum jew kull jumejn, tant illi kienet tispiċċa mingħajr flus biżżejjed biex tixtri l-ikel għaliha stess.

Il-Qorti bla tlaqliq tistqarr illi għalkemm fl-istqarrija li rrilaxxa waqt l-interrogazzjoni, l-imputat innega li ipponta mus lejn ommu, li ħadilha l-mobile u d-devices kollha biex ma tkunx tista' ċċempel u nnega wkoll li qalilha biex ma toħroġx minn ġo kamritha, hija ma għandha l-ebda dubju dwar il-veraċita' tal-verżjoni ta' Rozina Zammit. Il-Qorti semgħet lill-vittma tixhed quddiemha u setgħet tosserva l-emozzjonijiet li wriet meta ġiet biex tispjega dak li kellha tgħaddi minnu f'dan l-episodju u b'mod ġenerali minħabba l-vizzju ta' droga ta' binha. Barra minn hekk, il-verżjoni tagħha kienet konsistenti mill-bidu sal-aħħar kif ukoll pjenament konformi mal-fatti li kienet rapportat lill-Pulizija fil-21 ta' Ġunju 2021, verżjoni li xehdet dwarha PC 2330 Whitney Hili[4]. Fuq kollox, hemm prova tal-messaġġ li l-vittma bagħtet lil bintha Janette Zammit proprju meta kienet fil-kamra tagħha, beżgħana biex toħroġ kif ukoll il-prova tal-istat ta' isteriżmu u ta' paniku li instabet fih meta bintha waslet fuq il-post.

Huwa minnu li l-imputat allega waqt l-interrogazzjoni, illi ommu ivvintat l-istorja kollha għaliex hija mentalment instabbli, iżda m'hemm xejn fl-atti li jissostanzja din l-allegazzjoni u l-Qorti hi konvinta li jekk effettivament Rożina Zammit għandha bżonn kura psikoloġika, din mhi xejn għajr l-effett tal-ansjeta', fastidju u dwejjaq kontinwu provokati mill-aġir tal-imputat innifsu.

Għalhekk, billi ma ntweriet lanqas l-ebda raġuni l-għala hija għandha tiddubita mill-verżjoni ta' Rożina Zammit, il-Qorti hija konvinta li x-xhud hija ġenwina u li l-fatti li rakkontat fix-xhieda tagħha, verament seħħew.

Ikkunsidrat;

Għall-fini ta' sejbein ta' ħtija għar-reat taħt l-Artikolu 251A tal-Kap. 9, irid jiġi ppruvat li persuna:- (a) iġġib ruħha b'mod li tagħti fastidju lil persuna oħra; jew (b) iġġib ruħha b'mod li tkun taf jew ikun imissha tkun taf li dan ikun ta' fastidju għal dik il-persuna (fost azzjonijiet oħrajn li wkoll jikkostitwixxu dan ir-reat).

[4] Xhieda tal-4 ta' Novembru 2021, fol. 79. Ara wkoll rapport tal-okkorrenza Dok. AM6, fol. 25 *et seq*.

Huwa paċifiku fl-insenjament ġurisprudenzjali in materja tar-reat ta' fastidju illi jeħtieġ li jintwera li "*l-imgieba*" tal-aġent tar-reat, tammonta għal *a course of conduct.* Dan hu deżumibbli mhux biss mill-użu speċifiku tal-kliem "*iġġib ruħha*" iżda mill-fatt illi huwa inerenti fit-tifsira nnifisha tal-kelma fastidju xi xorta ta' kondotta ripetuta.

In propositu tar-reat ta' *harassment,* intqal hekk f'**Blackstone's Criminal Practice** (2012 Ed.):-

"*Establishing a course of conduct, rather than a series of unrelated acts, is crucial to the success of any prosecution for harassment, and '***it is the course of conduct which has to have the quality of amounting to harassment, rather than individual instances of conduct***' (Iqbal v Dean Manson (Solicitors) [2011] EWCA Civ 123 per Rix LJ at [45]). The matters said to constitute the course of conduct amounting to harassment must be ... so connected in type and in context as to justify the conclusion that they amount to a course of conduct (Patel [2005] 1 Cr App R 440; Pratt v DPP (2001) 165 JP 800; C v CPS ).*"[5]

Illi apparti mid-dispożizzjoni kontenuta fl-Artikolu 251Ċ tal-Kap. 9 li tgħid li referenzi għall-għoti ta' fastidju lil persuni jinkludu meta wieħed jagħti qata' jew idejjaq lill-persuna. ("*alarming the person or causing the person distress*" fit-test Ingliz), il-liġi tagħna ma tagħti ebda definizzjoni oħra tat-terminu ġeneriku fastidju jew "harassment".

Blackstone fir-rigward, jgħid hekk[6]:-

*"'Harassment' is generally understood to involve improper oppressive and unreasonable conduct that is targeted at an individual and calculated to produce the consequences described in s. 7. By s. 1(3) of the Act (see B2.143), reasonable and/or lawful courses of conduct may be excluded. The practice of stalking is arguably the*

[5] Blackstone's Criminal Practice 2012 Ed. - B2.140 p.285. Emfasi tal-Qorti.

[6] Blackstone's Criminal Practice, 2012 Ed, B.2.140, p. 285.

*prime example of harassment (Curtis [2010] 1 Cr App R (S) 193) but a wide range of other actions could, if persisted in, be so categorised. A course of conduct which is unattractive and unreasonable does not of itself necessarily constitute harassment;* ***it must be unacceptable and oppressive conduct such that it should sustain criminal liability****. See Majrowski v Guy's & St Thomas's NHS Trust [2007] 1 AC 224, per Lord Nicholls at [30].* ***Harassment includes negative emotion by repeated molestation, annoyance or worry. The words 'alarm and distress' are to be taken disjunctively and not conjunctively, but there is a minimum level of alarm or distress which must be suffered in order to constitute harassment.****"* [emfasi tal-Qorti][7]

F'sentenza mogħtija fil-kawża fl-ismijiet **Il-Pulizija vs James Demanuele** deċiża fis-26 ta' Novembru 2009, il-Qorti tal-Appell Kriminali stqarret:

*"... Illi t-terminu legali fastidju (bl-Ingliz "harassment") gie definit mill-Black's Law Dictionary - (7th. edit.) bhala:- "****Words, conduct or action (usu. Repeated or persistent) that being directed at a specific person, annoys, alarms or causes substantial emotional distress in that person and serves no legitimate purpose****", dan l-element ta'* ***ripetizzjoni jew persistenza ma jridx jigi konsidrat "in isolation" b' riferenza biss ghall-kaz mertu tal-kawza imma wkoll irid jitqies fl-isfond tar-retroxxena*** *u ta'l-agir precedenti tal-gudikabbli."*

Imbagħad, kif gie ritenut mill-Qorti tal-Appell Kriminali fis-sentenza fl-ismijiet **Il-Pulizija vs. Alan Caruana Carabez**[8]**:-**

*".... f' kazijiet bhal dawn ir-retroxena ghal kull incident hija importanti biex il-Qorti tkun tista' tispigola l-incident izolat u accidentali minn* ***agir abitwali ta' fastidju fuq periodu ta' zmien****." Pero', xorta wahda jkun irid jirrizulta mill-provi ghall-fini tal-parametri tal-akkuza nnifisha."*

---

[7] Fis-sentenza fl-ismijiet **Il-Pulizija vs Joseph Bajada** deċiża mill-Qorti tal-Magistrati (Ghawdex) Bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali fit**-2.05.2013.**

[8] Deċiża 21.6.2007.

… … …

… …

… ***Kull tip ta' dan l-agir pero' hu kalkolat li johloq certa biza' f'dak li jkun b'mod li johloq sensazzjoni li qed tigi segwit u impoggi taht certa pressjoni ingusta. Hu proprju dan li din il-ligi l-gdida trid tipprojbixxi***." (emfasi ta' din il-Qorti)[9]

Applikat dan l-insenjmanet għall-kwadru ta' fatti li jinsilet mix-xhieda ta' Rozina Zammit, hu ovvju għall-Qorti li hi kienet vittma ta' fastidju għaliex kienet abitwalment, ta' kuljum, soġġetta għal imġieba oppressiva da parti ta' binha li mingħajr ebda raġuni leġittima, kien jimmolestjaha għall-flus biex jixtri d-droga – ħaġa li naturalment hi ma riditux jagħmel - billi mhux biss jitlobha l-flus iżda wkoll ma jħallihiex bi kwietha sakemm tara minn fejn ser tikseb il-flus. Imġieba oppressiva li evidentement ma kienetx tikkaġuna merament inkonvenjent iżda kienet tassoġġetta lill-vittma għal pressjoni inġusta kif ukoll tnissel fiha dak l-allarm, ansjeta' u doża qawwija ta' dwejjaq imsemmija fl-Artikolu 251C tal-Kap. 9 - anke peress li hija kienet taf x'setgħu jkunu l-konsegwenzi jekk binha ma jkollux flus biex jixtri d-droga. Tassew fl-episodju mertu ta' dawn il-proċeduri, l-imputat hedded lil ommu b'mus għaliex ma qaltlu li ma kellhiex iktar flus x'ittih.

Iżda kif rajna, biex jikkostitwixxi reat taħt l-Artikolu 251A tal-Kap. 9, jeħtieġ li l-aġir li jikkostitwixxi l-fastidju jkun manifestat f'iktar minn okkażjoni waħda għaliex ir-reat ta' fastidju jesiġi kondotta ripetuta u mhux biżżejjed inċident wieħed iżolat.

Il-Qorti tal-Appell Kriminali fis-sentenza fl-ismijiet **Il-Pulizija v. Raymond Parnis** qalet hekk in propositu:-

---

[9] Fis-sentenza taghha fl-ismijiet **Il-Pulizija vs Denise Falzon**[9], il-Qorti tal-Appell Kriminali fissret:- "… *hemm distinzjoni netta, fil-fehma ta' din il-Qorti, bejn dik l-imgieba li qed tohloq fastidju u dik li tohloq semplicement inkonvenjent. … Illi jidher allura li t-test li għandu jiġi adoperat biex jiġi stabblit jekk hemmx fastidju 'illeċitu' o meno huwa billi jiġi applikat it-test oġġettiv iktar milli dak soġġettiv filwaqt pero li jittieħed qies tal-fattispeċi kollha tal-każ u l-assjem taċ-ċirkostanzi kollha li setgħu wasslu lil kwerelant jieħu l-passi li ħa*."

*"Din il-Qorti mhix ser tipprova taghti definizzjoni ezawrienti ta' x'jammonta ghal "course of conduct" ghall-fini tal-imsemmi Artikolu 251B(1) – u anqas ma hi ser tipprova telenka kazijiet, anke jekk biss bhala forma ta' ezempju, li jammontaw jew ma jammontawx ghal tali "imgieba", haga li trid tigi deciza minn kaz ghal kaz skond ic-cirkostanzi u bl-applikazzjoni ta' doza qawwija ta' saggezza min-naha tal-gudikant.* ***Dak li qed jigi deciz f'din il-kawza hu biss li incident wiehed (u, per di piu`, ta' minuti) ma jammontax ghal "course of conduct" ghall-finijiet tal-Artikolu 251B(1)****."*[10] [emfasi ta' din il-Qorti]

Il-Qorti tosserva illi l-parametri taż-żmien tar-reat ta' fastidju, kif impostati fiċ-Ċitazzjoni, jirreferu għall-20 ta' Ġunju 2021 u l-21 ta' Ġunju 2021.

Mix-xhieda jirriżulta illi fl-20 ta' Ġunju 2021 fil-għodu, l-imputat talab flus lil ommu : dan wara li kienet għadha kif tatu €40 il-lejl ta' qabel. Kif qaltlu li ma kellhiex iktar flus, l-imputat beda jgħidilha li mingħajr droga kien ser jiġi « *sick* ». Il-Qorti diġa' kkostatat li t-talbiet ripetuti għal flus kienu jnisslu stat emottiv ta' dwejjaq u ansjeta' f'Rożina Zammit u fil-fehma tagħha, hu ovvju li f'din l-okkażżjoni, ċioe' fl-20 ta' Ġunju 2021 fil-għodu, wara li kienet appena tatu €40 ftit sigħat qabel biss, dawn it-talbiet tiegħu għal flus u t-twissija li mingħajr droga kien ser jiġi « *sick* » ukoll nisslu l-istess sensazzjoni f'Rożina Zammit u poġġewha wkoll taħt pressjoni inġusta. Mill-provi jirriżulta illi f'din l-okkażjoni, l-imputat irnexxielu jirranġa ma' persuna oħra li jġiblu d-droga għall-ħabta tas-7.00 p.m. u laħaq ikkalma. Minħabba f'hekk ma reġgħex iffitta lil ommu għal flus iżda meta għadda l-ħin u rrejalizza filgħaxija illi d-droga li kien qed jistenna ma kienetx sejra tasal, l-imputat reġa' dar għal ommu għall-flus. Din id-darba, sar aggressiv u hedded lil ommu b'mus li ser iċċarratha jekk ma ttihx il-flus.

Għall-Qorti hu evidenti li dak li seħħ fil-għaxija meta d-droga baqgħet ma wasltix, jikkostitwixxi episodju distint minn dak li seħħ filgħodu fejn l-imputat beda jitlob lil ommu għal flus. **Tassew, hija l-fehma tal-Qorti li kull darba li l-imputat kien**

[10] Deciza 24.4.2009.

**jitlob lil ommu għal flus jikkostitwixxi episodju separat u distint ta' imġieba abitwali li tikkaġuna fastidju f'ommu**. Terġa' u tgħid meta filgħaxija l-imputat mhux biss, għal darb'oħra, dar fuq ommu għall-flus iżda kif ingħad, heddidha b'mus li ser joqtolha, qalilha biex ma toħroġx mill-kamra tagħha u ħadilha kull mezz li kellha biex iċċempel għall-għajnuna. Rożina Zammit xehdet emfatikament li bdiet tibki u li ħassitha ferm imbeżża' u allarmata b'dan l-aġir ta' binha u stqarret ukoll li ma setgħetx tkompli sejra hekk. Fil-fatt, bintha Janette Zammit xehdet illi meta marret fuq il-post, sabet lil ommha mbikkma u emozzjonata ħafna, tant li kellha tfittex l-għajnuna minħabba l-istat psikoloġiku fraġili tagħha. **Minn dan hu ovvju li dak li seħħ fil-għaxija kien episodju ieħor, ferm iktar gravi, ta' imġieba da parti tal-imputat li nissel allarm, dwejjaq u biża' f'ommu**.

Għaldaqstant, l-imputat għandu jinstab ħati tar-reat addebitat lilu fl-ewwel imputazzjoni taħt l-Artikolu 251A tal-Kap. 9, aggravat bl-applikazzjoni tal-Artikolu 251H(a) peress li d-delitt twettaq minn membru tal-familja u li jgħix mal-vittma. L-aggravanti taħt l-Artikolu 251HA tal-Kap. 9, li jagħmel referenza għall-Artikolu 202(h), ukoll huwa applikabbli u dan stante illi l-vittma hija axxendent tal-imputat (paragrafu (iii)) u hija wkoll persuna li kienet tgħix fid-dar mal-ħati meta twettaq ir-reat[11] (paragrafu v). L-Avukat Ġenerali iċċita wkoll l-Artikolu 202(l) tal-Kap. 9 li jipprospetta żieda fil-piena wkoll f'każ li d-delitt twettaq bit-theddida ta' arma: aggravanti li wkoll jirriżulta mill-provi li għandha quddiemha l-Qorti.

Iżda l-Qorti ma taqbilx li jista' jigi applikat, fic-cirkostanzi tal-kaz in dizamina, l-aggravju prospettat mill-Artikolu 251H(b) tal-Kap. 9, imsemmi mill-Avukat Ġenerali fin-nota tar-rinviju għall-ġudizzju, għaliex tqis li ġaladarba r-reat li qed jinstab ħati tiegħu l-imputat, huwa dak taħt l-Artikolu 251A tal-Kap. 9 (diversament mir-reati fl-Artikoli 251E, 251F, 251G u 251GA tal-Kap. 9) li min-natura tiegħu jeħtieġ neċessarjament kondotta ripetittiva u abitwali, hu ovvju li l-episodji ta' fastidju jridu jsehhu iktar minn darba ghall-fini ta' sejbien ta' htija.

---

[11] Ara xhieda ta' Rożina Zammit: l-imputat kien reġa' mar joqgħod magħha xi ġimagħtejn qabel twettaq dan id-delitt.

Il-Qorti hi tal-fehma li dan l-aggravju (paragrafu (b)) huwa ravvizabbli biss f'kaz ta' ħtija ghar-reati istantanei prospettati mill-Artikoli 251E, 251F, 251G u 251GA tal-Kap. 9 li ma jehtiegux ghall-kommissjoni taghhom, kondotta ripetuta.

Il-kundanna preċedenti għad-delitt, imbagħad, huwa aggravju li huwa prospettat separatament taht il-paragrafu (i) tal-Artikolu 251H iżda dan l-aggravanti ma ġiex imsemmi mill-Avukat Ġenerali fin-nota tar-rinviju għall-ġudizzju u għalhekk il-Qorti m'hijiex sejra tapplikah, għalkemm jirriżulta illi l-imputat kien fil-fatt ġie kundannat għar-reat ta' fastidju proprju fil-konfront tal-istess ommu, permezz ta' sentenza mogħtija minn din il-Qorti diversament preseduta fis-26 ta' Frar 2021[12].

Madanakollu, il-Qorti tqis illi għalkemm iż-żidiet fil-piena għal kull aggravanti riskontrat, huma mandatorji, id-dispożizzjonijiet tal-Artikolu 251H tal-Kap. 9[13] m'għandhomx jiġu mfissrin bħallikieku l-Qorti trid tapplika żieda fil-piena għal kull aggravanti fejn dawn ikunu sostanzjalment l-istess taħt dispożizzjonijiet differenti tal-liġi. Hekk per eżempju, il-fatt li l-vittma hija axxendent taħt l-Artikolu 202(h)(iii) huwa riskonstrabbli wkoll fl-aggravanti taħt l-Artikolu 251H(a) tal-Kap. 9, filwaqt illi l-aggravanti msemmi fil-paragrafu (v) tal-Artikolu 202(h) tal-Kap. 9, fejn il-vittma tgħix fl-istess dar mal-ħati, jinsab ukoll maħsub fl-imsemmi Artikolu 251H(a) tal-Kap. 9.

Il-Qorti sejra għalhekk tapplika l-aggravanti fil-piena biss darba waħda fejn l-istess fatt jikkostitwixxi aggravanti taħt iktar minn dispożizzjoni waħda tal-liġi: f'dan il-każ, ifisser li l-piena ser tiżdied biss bl-applikazzjoni tal-Artikolu 251H(a) bi grad, u bi grad ieħor taħt l-Artikolu 202(l) tal-Kap. 9.

Ikkunsidrat;

---

[12] Dok. AM7, fol. 148.

[13] *"Il-piena għad-delitti msemmijin fl-artikoli 251 sa 251G, it-tnejn inklużi, għandhom jiżdiedu bi grad jew żewġ gradi f'kullwieħed mill-każijiet li ġejjin..."*

Permezz tat-tieni imputazzjoni, l-imputat ġie mixli bir-reat taħt l-Artikolu 86 bl-aggravju prospettat taħt il-paragrafi (ċ)(e)(h) tal-Artikolu 87(1) u l-Artikolu 202(v)(l) tal-Kap. 9.

Dan jipprovdi illi huwa ħati tar-reat ta' arrest, detenzjoni jew sekwestru kontra l-liġi, kull min: "*... bla ordni skont il-liġi tal-awtorità kompetenti, u barra mill-każijiet li fihom il-liġi tagħti s-setgħa lill-privat li jarresta lill-ħati, jarresta, iżomm jew jissekwestra lil xi persuna kontra l-volontà tagħha, jew jagħti l-post biex fih din il-persuna tiġi arrestata, miżmuma jew issekwestrat...*", liema delitt f'dan il-każ, allegatament ġie kommess meta l-vittma ġiet imhedda bil-mewt, bil-ħsieb ta' estorsjoni ta' flus jew ħwejjeġ oħra u fuq il-persuna ta' omm l-imputat.

L-Avukat Ġenerali iċċita wkoll fir-rigward tar-reat taħt l-Artikolu 86, l-aggravanti taħt l-Artikolu 202(v)(l) tal-Kap. 9. Huwa minnu li l-paragrafu (h) tal-Artikolu 87(1) tal-Kap. 9 jagħmel referenza għall-Artikolu 202(h) iżda l-Qorti ma taqbilx li hawnhekk l-intenzjoni tal-leġislatur kienet li tiġi applikata żieda fil-piena jekk jiġu riskontrati wkoll, b'żieda maċ-ċirkostanzi aggravanti taħt l-Artikolu 87(1)(h), iċ-ċirkostanzi maħsuba fl-Artikolu 202(h) tal-Kap. 9. Fil-fatt, qari akkurat tad-dispożizzjonijiet tal-Artikolu 87(1) juri li dan jipprovdi għal piena iktar severa:- "*fil-każ li tirriżulta waħda jew iżjed miċ-ċirkostanzi li ġejjin...*". Ukoll id-dispożizzjonijiet tal-paragrafu (h) tal-Artikolu 87(1) li jipprovdu: "*jekk id-delitt ikun sar fuq il-persuna tal-missier, l-omm* ***jew*** *fuq xi persuna minn dawk imsemmija fl-artikolu 202(h)*"[14].

Sabiex jissussisti r-reat tas-sekwestru tal-persuna huwa biżżejjed illi tirriżulta xi waħda miċ-ċirkostanzi ravviżati fl-Artikolu 86 u ċioe` l-arrest, jew iz-zamma jew is-

[14] In kwantu għall-paragrafu (h) tal-Artiklu 87(1), il-Qorti fehmet illi din id-dispożizzjoni hija mfassla u maħsuba biex tassigura illi jitwessgħu il-parametri għall-applikazzjoni ta' żieda fil-piena għar-reat taħt l-Artikolu 86 meta teżisti relazzjoni protetta mil-liġi bejn l-aġent tar-reat u l-vittma u biex b'hekk, jekk id-delitt ma jkunx sar fuq il-persuna tal-missier jew tal-omm, kif maħsub fil-paragrafu (h) tal-Artikolu 87(1) tal-Kap. 9, l-aggravanti jkun applikabbli xorta waħda jekk ikun seħħ fuq xi waħda mill-persuni msemmija fl-Artikolu 202(h) tal-Kap. 9 li jelenka lista konsiderevoli ta' relazzjonijiet li jikkostitwixxu ċirkostanzi aggravanti tar-reat. Għalhekk, il-fatt illi ċ-ċirkostanzi tar-relazzjoni bejn il-vittma u l-aġent tar-reat jiffiguraw taħt iktar minn dispożizzjoni waħda tal-liġi jfisser li għandha tiġi applikata ż-żieda tassattiva fil-piena iżda mhux żieda ta' grad ieħor jekk ir-relazzjoni taqa' wkoll taħt waħda jew iktar tal-paragrafi tal-Artikolu 202(h).

sekwestru tal-persuna kontra l-volonta tagħha, u dan mingħajr ordni skont il-liġi tal-awtorita` kompetenti[15]. Il-Professur Mamo fin-Noti tieghu[16] jgħid hekk dwar l-element materjali tar-reat in diżamina:-

*"... the words "arrest" "detention" and "confinement" are not synonymous: each indicates a special manner in which an attempt can be made on personal liberty: "Il reato preveduto nell'articolo 169 (our Section 86) esiste sia quando alcuno si fermi nel mentre che agisce o camina; sia quando si faccia rimanere suo malgrado in quell luogo ove si trova; si quando finalmente si trasporti da un luogo ad un altro." (ROBERTI – ibid, para 323) ... Thus a person may be arrested without being incarcerated or confined in any place; or may be detained in his own house without having been previously arrested.*"[17]

Il-Qorti tal-Appell Kriminali fis-sentenza reċenti tagħha fl-**ismijiet Il-Pulizija v. Josmar Pace**[18], qalet hekk in propositu ta' dan id-delitt:-

*Fi kliem l-awturi* ***Smith & Hogan*** *l-arrest jissusisti 'by words alone if one submits.' [vide* ***Il-Pulizija v Albert Cassar*** *deciza mill-Qorti tal-Appell Kriminali nhar s-sittax ta' Novembru 1990.]*

***Maino*** *fil-ktieb tieghu* ***Commento al Codice Penale*** *jikkummenta fuq l-artikolu 146 li huwa bhal artikolu 86 taghna a fol 112 para. 788; Vol II billi jghid:*

*"Il sequestrato richiede che la privazione della liberta sia assoluta3 e avvenga in circostanze tali da togliere alla vitma ogni possibilita di scampo o di soccorso"*

***Antolisei*** *fil-ktieb tieghu* ***Manuale di Diritto Penale*** *jghid:*

---

[15] **Il-Pulizija vs Chrisopher Ellul** – Qorti tal-Appell Kriminali (Inf.), deciz fis-7 ta' Mejju 2001.
[16] *Notes on Criminal Law* [1953 edit.] [Part. II p. 40].
[17] **Il-Pulizija vs Mohamed Elbozidi** – Qorti tal-Appell Kriminali (Inf.), deciz fid-19 ta' Frar 2004. Ara wkoll **Il-Pulizija (Sp. Jesmond Borg) vs Joanne Ellul** – Qorti tal-Appell Kriminali, deciz fit-28 ta' Frar 2018.
[18] Deċiża 12 ta' Marzu 2019.

*"Le fatti specie del delitto in parola si realizza anche se la privazione della liberta non e` totale ma occorre che al paziente sia reso del tutto impossibile ogni via di scampo. E necessario per altro che la perdita della liberta si protragga per un periodo di tempo di un certo rilievo."*

Fl-istess sentenza, il-Qorti kkonkludiet illi l-elementi materjali tar-reat taħt l-Artikolu 87 tal-Kap. 9 ma jirriżultawx għaliex:-

"*L-ebda bieb ma gie maghluq. L-ebda kliem ma inghad li jindika li is-sinjura Scerri ma setghetx tallonta ruhha. L-hsieb taghha kien wiehed mhux li titlaq'l barra izda li tagħtih il-flus biex hu jitlaq il-barra. Dik kienet id-deċiżjoni li ghamlet dak il-hin. Fl-ebda hin tghid li xtaqet titlaq pero' ma setghex*."

Diversament fil-każ in diżamina, fejn mill-provi jirriżulta li l-imputat wara li ħa mill-kamra ta' ommu, it-telephone, mobile u SOS tagħha biex ma tkunx tista' ċċempel għall-għajnuna, **qalilha espressament biex toqgħod fil-kamra tagħha u biex ma toħroġx minn hemmhekk**. Rożina Zammit ma għażlitx li ma toħroġx mill-kamra għaliex ma riditx toħroġ: għall-kuntrarju, il-Qorti fehmet illi hi riedet toħroġ biex tieħu t-telephone li kien ħadilha l-imputat, biex tista' ċċempel għall-għajnuna. Hi xehdet hekk fir-rigward:-

"*... u lili tefagħni fil- qalli idħol hemm ġew u ara toħroġ mill-kamra tiegħek. ... U jiena, umbagħad jien qgħadt fil-kamra tiegħi, qgħadt bilqiegħda bil-ħwejjeġ ta' taħt qas biss pygama ma lbist xejn. Qisni bdejt nibża' hux.*"[19]

**Rożina Zammit stqarret illi l-bieb tal-kamra tagħha ma jissakkarx u fil-fatt, dan ma ġiex imsakkar mill-imputat iżda qalet li hija beżgħet li tagħmel dan għaliex binha kien wissiha biex toqgħod hemm ġew kienet qed tibża' minnu. Fil-fatt, jirriżulta illi ftit tal-minuti qabel hu kien ipponta mus fid-direzzjoni tagħha u heddidha li ser jotqolha jekk ma ġġiblux flus biex jixtri d-droga.**

[19] Fol. 50.

**Huwa minnu li ma ġiex ippruvat illi l-imputat kien effettivament qed iżomm għassa mal-bieb tal-kamra ta' ommu, iżda jibqa' l-fatt illi l-vittma ħasset li ma setgħetx toħroġ mill-kamra tagħha għaliex beżgħet li l-imputat kien ser ikun wara l-bieb jew li jqum bil-ħoss tal-bieb. Għall-Qorti dan ifisser illi l-movimenti ta' Rożina Zammit kienu, fiċ-ċirkostanzi, ristretti u dan għal ammont ta' sigħat, għaliex ma kienetx libera li toħroġ mill-kamra tagħha minħabba l-kliem u twissija espressa tal-imputat u l-intimidazzjoni evidenti li eżerċita fil-konfront tagħha. Il-Qorti tqis li mhux indispensabbli, f'dawn l-istess ċirkostanzi, il-prova li l-bieb kien imsakkar jew li l-imputat kien effettivament għassa mal-bieb biex ma toħroġx mill-kamra.**

Din il-fehma hija msaħħa wkoll mill-ispjegazzjoni li jagħti Blackstone fi kliem sempliċi biex ifisser iċ-ċirkostanzi li fihom persuna għandha tinstab ħatja tar-reat ta' *false imprisonment* li ġie definit f'**Rahman** (1985) 81 Cr App R 349, hekk: '*False imprisonment consists in the unlawful and intentional or reckless restraint of a victim's freedom of movement from a particular place.* Skont Blackstone:-

"*This consists of preventing V's freedom of movement. V may be restrained physically **or by deliberate intimidation** (James (1997) The Times , 2 October 1997). V might be detained in a building or vehicle, **or simply prevented from going on his way**".*[20] (emfasi tal-Qorti).

Għaldaqstant l-imputat għandu jinstab ħati tar-reat taħt l-Artikolu 86 tal-Kap. 9, bil-piena applikabbli tkun dik taħt l-Artikolu 87(1) tal-Kap. 9 billi f'dan il-każ huma riskonstrabbli wħud miċ-ċirkostanzi aggravanti imsemmija fl-istess Artikolu, ċioe' li d-delitt ġie mwettaq fuq omm l-imputat, wara li heddidha bil-mewt[21] u dan kollu bil-ħsieb ta' estorsjoni ta' flus.

---

[20] **Blackstone's Criminal Practice**: 2012 Ed. (Edited by the Right Honourable Lord Hooper David Ormerod et). B.2.74, page 240 *et seq*.

[21] "*b'din iċarrtek*".

Ikkunsidrat;

Illi l-imputat qed jiġi mixli wkoll b'attenat li jikkaġuna ferita ta' natura ħafifa fuq ommu bl-użu ta' strument li jaqta' jew bil-ponta, ċioe' mus.

Illi l-Qorti tibda billi tosserva illi huwa paċifiku li sabiex jissussisti r-reat tal-offiża volontarja, hija meħtieġa l-intenzjoni ġenerika li wieħed jagħmel ħsara. Fid-deċiżjoni fl-ismijiet **Il-Pulizija vs Emanuel Zammit**, mogħtija fit-30 ta' Marzu 1998, il-Qorti tal-Appell Kriminali qalet hekk:-

"*Jekk l-intenzjoni ta' l-agent tkun li jaghmel hsara, zghira kemm hi zghira dik il-hsara li jkollu f'mohhu li jaghmel, hu jrid iwiegeb ghall-konsegwenzi kollha li effettivament jirrizultaw bhala konsegwenza diretta ta' l-ghemil tieghu."*

In tema, il-Blackstone jghid hekk:-

"*'Intention' is a word that is usually used in relation to consequences. A person clearly intends a consequence if he wants that consequence to follow from his action. This is so whether the consequence is very likely or very unlikely to result. Thus an accused who shoots at another wanting to kill him, intends to kill whether the intended victim is 2 metres away and an easy target or whether he is 200 metres away and it would have taken an exceptionally good shot to hit him. In either case, even if the accused misses, he will be liable for a crime requiring intention to kill, such as attempted murder.*"[22]

Jingħad illi reati dolużi jirrikjedu jew l-intenzjoni diretta u speċifika, jew inkella l-intenzjoni pożittiva indiretta[23]. Għalkemm l-intenzjoni diretta jew l-intenzjoni pożittiva indiretta tista' tigi deżunta miċ-ċirkostanzi kollha tal-każ, inkluż mill-mod kif l-aġent tar-reat iġib ruħu, **iżda, fejn dawn iċ-ċirkostanzi ma jkunux univoċi u**

[22] Blackstone's Criminal Practice [2012].
[23] **Il-Pulizija vs. Kevin Sammut** – Qorti tal-Appell Kriminali, 23 ta' Jannar 2009.

**jkun hemm id-dubju dettat mir-raguni dwar il-vera intenzjoni tal-imputat, dan id-dubju għandu jmur favur l-istess imputat**.

Mill-provi li ressqet il-Prosekuzzjoni, jirriżulta illi l-imputat tassew ħareġ mus u ppontah lejn ommu u heddidha li jċarratha iżda Rosina Zammit kienet inekwivoka fix-xhieda tagħha illi binha fl-ebda waqt ma messha b'dan il-mus jew ressaq iktar qrib tagħha waqt li kien qed jheddidha. Hi xehdet li l-mus żammu madwar metru 'l bogħod minnha u fl-ebda ħin ma għamel xi mossa oħra biha.

Minn dan il-Qorti fehmet illi l-Prosekuzzjoni ma rnexxilhiex tipprova li l-imputat, apparti t-theddida li jċarrat lil ommu bil-mus, aġixxa b'xi mod li juri li huwa kellu intenzjoni pożittiva li jwettaq xi mossa jew manuvra biex imiss lil ommu bil-mus, wisq inqas jikkaġunalha xi ferita. **Il-Qorti ma rriskontrat fil-provi l-ebda fatt oġġettiv li juri b'mod konklussiv li l-imputat kien intiż li effettivament iweġġa' lil ommu bil-mus**. Tqis ukoll illi l-fatt li huwa eskluż mix-xhieda tal-vittma nnifisha li huwa ċċaqlaq jew xejjer dan il-mus b'xi mod, u l-fatt li ma jirriżultax li huwa ħebb għal ommu meta kien qed iżomm dan il-mus f'idejh, ifisser li hija nieqsa sija l-prova tal-intenzjoni soġġettiva diretta tal-imputat li jagħmel ħsara jikkaġuna ferita lil ommu u kif ukoll il-prova li wera dan il-ħsieb b'atti esterni u ta bidu għall-esekuzzjoni tad-delitt.

Għaldaqstant l-imputat ma jistax jinstab ħati tat-tielet imputazzjoni.

Ikkunsidrat;

Illi l-imputat ġie mixli fir-raba' imputazzjoni illi "*insulenta, hedded jew inġurja bi kliem jew b'xi mod ieħor lil ommu Rosina Zammit*".

Imbagħad fil-ħames imputazzjoni, ġie mixli li "*Għamel inġurji jew theddid mhux imsemmi band'oħra fil-kodiċi kriminali jew jekk kien ipprovokat, ħareġ 'il barra mil-limiti tal-provokazzjoni.*"

L-Avukat Ġenerali fin-nota tar-rinviju għall-ġudizzju indika r-reati kontravvenzjonali taħt il-paragrafi (d) kif ukoll (e) tal-Artikolu 339(1) tal-Kap. 9.

Iżda filwaqt li huwa indiskuss illi l-ħames imputazzjoni tirriproduċi l-kliem tal-Artikolu 339(1)(e) tal-Kap. 9, ir-raba' imputazzjoni ma tistax titqies li hija waħda li taddebita lill-imputat ir-reat taħt l-Artikolu 339(1)(d). Dan jipprovdi li huwa ħati ta' kontravvenzjoni kontra l-persuna kull min:-

"*iħebb kontra persuna sabiex jinġurja, idejjaq jew jagħmel ħsara lil din il-persuna jew lil ħaddieħor,* kemm-il darba *l-fatt ma jkunx jaqa' taħt xi dispożizzjoni oħra ta' dan il-Kodiċi.*"

Iżda r-raba' imputazzjoni mkien ma taddebita lill-imputat l-element materjali kostituttiv tar-reat taħt il-paragrafu (d), fuq imsemmi, ċioe' li huwa ħebb għal ommu. Din il-kelma "*iħebb*" hija kompletament mankanti fl-imputazzjoni kif imfassla fiċ-Ċitazzjoni li, fil-fehma tal-Qorti, ifisser li l-imputat ma jistax jinstab ħati ta' dan ir-reat minkejja li ġie ċitat mill-Avukat Ġenerali fin-nota tiegħu. B'żieda ma' dan, jingħad ukoll illi r-raba' imputazzjoni kif imfassla, ma jidhrix li hija bbażata fuq xi dispożizzjoni oħra tal-Kodiċi Kriminali li għadha fis-seħħ u f'kull każ, illum, wara t-tħassir tal-Artikolu 252 tal-Kap. 9 bl-emendi introdotti bis-saħħa tal-Att XI tal-2018, l-inġurja bi kliem huwa punibbli bħala reat kontravvenzjonali taħt l-Artikolu 339(1)(e) tal-Kap. 9, kif addebitat fil-ħames imputazzjoni.

Fil-fatt, l-imputat għandu jinstab ħati tar-reat taħt l-Artikolu 339(1)(e) tal-Kap. 9 stante illi huwa abbundantement ippruvat illi huwa hedded lil ommu b'mus ippontat lejha, li kien sejjer iċarratha bih u ma jirriżultax illi dan it-theddid jaqa' taħt xi dispożizzjoni oħra tal-Kodiċi Kriminali.

Ikkunsidrat;

Illi l-imputat ġie akkużat illi bejn l-10 ta' Mejju 2021 u l-21 ta' Ġunju 2021, huwa kkommetta b'diversi atti li jiksru l-istess provvedimenti tal-liġi iżda magħmula b'riżoluzzjoni waħda, ir-reat taħt l-Artikolu 412Ċ(11) tal-Kap. 9 ċioe' kiser il-provvedimenti ta' Ordni ta' Protezzjoni maħruġa minn din il-Qorti diversament preseduta fl-10 ta' Mejju 2021[24].

It-teżi tal-Prosekuzzjoni fir-rigward hi illi l-imputat minkejja li permezz ta' l-Ordni ta' Protezzjoni kien ipprojibit milli jagħmel kuntatt ma' ommu Rosina Zammit u milli jidħol fir-residenza tagħha, mhux biss ikkuntattja lil ommu biex jitlobha l-flus ripetutament fl-imsemmi perijodu, iżda wkoll reġa' mar joqgħod fid-dar tagħha ġewwa l-Ħamrun u baqa' jimmolestaha.

Rosina Zammit xehdet illi ukoll illi ftit taż-żmien qabel il-fatti li seħħew fl-20 ta' Ġunju 2021 u fil-21 ta' Ġunju 2021, l-imputat kien mar joqgħod f'garaxx peress li ma setax jibqa' joqgħod għandha iżda xorta waħda baqa' ġej u sejjer fir-residenza tagħha biex jitlob għall-flus, fejn beda wkoll ixaxkar ħafna affarijiet għal ġo dan il-garaxx. Ikkonfermat illi madwar ġimagħtejn qabel, l-imputat ma baqax jgħix f'dan il-garaxx peress li kien hemm ħafna wirdien u kien reġa' ġie jorqod fid-dar tagħha.  Xehdet ukoll illi f'dawn il-ġimagħtejn binha kien qed jitlobha l-flus kważi kuljum, xi €40 kull darba u ma setgħetx ma tagħtihx flus kull darba li kien jitlobha għaliex jibqa' jeqred u kien ikollha tara minn fejn ser iġġib il-flus.

Dan kollu ma jħalli l-ebda dubju f'moħħ il-Qorti li l-imputat kiser sfaċċatament l-ordni tal-Qorti mhux biss biex ma javviċinax lil ommu jew jikkuntattjah, iżda iktar minn hekk l-ordni biex ma jidħolx fil-fond fejn tirrisjedi u biex ma jimmolestahiex. Jirriżulta li minflok osserva r-restrizzjonijiet imposti fuqu, l-imputat għamel proprju l-oppost billi kiser ripetutament u mingħajr ma wera li kellu skuża raġjonevoli, il-projibizzjonijiet kollha elenkati fid-digriet tal-10 ta' Mejju 2021.

[24] Parti minn Dok. AM3, fol. 22.

Il-Qorti tosserva illi l-kopja tal-Ordni ta' Protezzjoni li tinsab esebita fl-atti proċesswali hija kopja fotostatika iżda waħda li hija debitament awtentikata mid-Deputat Reġistratur ta' din il-Qorti kif preseduta, li qiegħda tisma' wkoll il-proċeduri kriminali li fihom ingħatat proprju din l-Ordni: proċeduri kriminali li huma mmexxija mill-istess Uffiċjal Prosekutur li qed tmexxi l-Prosekuzzjoni f'din il-kawża. Għalhekk il-Qorti ma għandha l-ebda dubju li din l-Ordni mhux biss kienet fis-seħħ fil-ġimagħtejn qabel l-20 ta' Ġunju 2021 bl-istess kundizzjonijiet li jinsabu fid-dokument esebit fl-atti (Dok. AM2) meta jirriżulta li l-imputat kiser il-provvedimenti tiegħu, iżda wkoll li l-imputat huwa ħati tar-reat taħt l-Artikolu 412C(11) tal-Kap. 9.

Ikkunsidrat;

L-imputat ġie mixli wkoll bir-reat taħt l-Artiklu 579(2) tal-Kap. 9 ċioe' li kiser il-kundizzjonijiet tad-digriet mogħti fis-26 ta' Mejju 2021, li permezz tiegħu huwa ngħata l-ħelsien mill-arrest.

Il-Prosekuzzjoni produċiet bħala prova in sostenn ta' din l-akkuża, kopja awtentikata mid-Deputat Reġistratur ta' digriet mogħti minn din il-Qorti kif preseduta fis-26 ta' Mejju 2021 fil-proċeduri fl-ismijiet **Il-Pulizija v. Christopher Zammi**t (Dok. AM3 fol 21).

Minn qari ta' dan id-digriet, jirriżulta illi l-imputat kien taħt l-obbligu, bħala waħda mill-kundizzjonijet tal-ħelsien mill-arrest, li ma jkellimx lix-xhieda tal-Prosekuzzjoni, senjatament lil ommu Rosina Zammit (kundizzjoni bin-numru 3). Kif diġa' ġie stabbilit, huwa naqas b'mod pależi u assolut milli jagħmel dan tant illi kif rajna, ommu xehdet illi ġimagħtejn qabel l-20 ta' Ġunju 2021, huwa kien beda jmur għandha u jorqod f'darha. M'għandux għalfejn jingħad illi d-digrieti tal-Qorti, fosthom il-kundizzjonijiet li taħthom ġiet akkordata l-ħelsien mill-arrest, għandhom jiġu osservati skrupolożament u *ad litteram* sakemm l-imputat ma jkunx talab u ottjena xi varjazzjoni ta' dawk id-digrieti jew il-kundizzjonijiet tagħhom. Jirriżulta wkoll mill-provi f'din il-kawża illi l-imputat ikkommetta żewġ delitti fl-20 ta' Ġunju 2021, kif

stabbilit iktar qabel f'din is-sentenza, u għalhekk jikkonsegwi li kiser ukoll il-kundizzjoni bin-numru 4 fid-digriet.

Fil-fehma tal-Qorti, il-kopja fotostatika, awtentikata bil-firma u t-timbru tad-Deputat Registratur tal-Qorti li erogat id-digriet, flimkien mal-fatt illi dan id-digriet issemma fix-xhieda bil-ġurament tal-Uffiċjal Prosekutur fil-5 ta' Lulju 2021, hija prova biżżejjed biex tikkonvinċi l-Qorti lil hinn minn kull dubju raġjonevoli dwar x'kienu l-kundizzjonijiet tal-ħelsien mill-arrest imposti fuq l-imputat u illi dawn il-kundizzjonijiet kienu għadhom fis-seħħ fiż-żmien li fih jirriżulta li l-imputat mexa bi ksur tagħhom. Dan id-dokument ġie konfermat ulterjorment mix-xhieda tal-Uffiċjal Prosekutur f'din il-kawża li, kif diġa' ngħad, tmexxi wkoll il-prosekuzzjoni fil-proċeduri kriminali li fihom l-imputat Christopher Zammit ingħata l-ħelsien mill-arrest fis-26 ta' Mejju 2021 u għalhekk, naturalment, tinsab fl-aħjar pożizzjoni biex tixhed dwar dan. Magħdud dan il-fatt illi d-digriet tas-26 ta' Mejju 2021 inħareġ minn din il-Qorti stess, kif preseduta, u ġie ffirmat mill-istess ġudikant li qed tippresjedi f'din il-kawza.

Għaldaqstant, l-imputat huwa ħati tar-reat taħt l-Artikolu 579(2) tal-Kap. 9 u jirrizulta wkoll li huwa kiser l-iktar obbligi gravi li kienu imposti fuqu: ksur li għalhekk jimmerita wkoll sanzjoni gravi.

Ikkunsidrat;

Għall-fini tal-piena il-Qorti ħadet in konsiderazzjoni l-fedina penali tal-imputat li minnha jirriżulta li huwa diġa' nstab ħati tar-reat ta' fastidju fil-konfront ta' ommu permezz ta' sentenza mogħtija fis-26 ta' Frar 2021. Mill-atti jirriżulta wkoll illi għalkemm bis-saħħa ta' din is-sentenza huwa kien tqiegħed taħt Ordni ta' Probation għal tliet snin, din l-Ordni ġiet sussegwentement revokata permezz ta' deċiżjoni mogħtija fit-22 ta' Jannar 2022 minn din il-Qorti diversament preseduta, wara denunzja li saret mill-Uffiċjal tal-Probation minħabba nuqqas ta' ko-operazzjoni da parti tal-imputat u nuqqas ta' rieda li jindirizza l-problemi psikoloġiċi u jieħu l-kura

neċessarja.  Jidher ukoll li l-imputat mhux qed jirrikonoxxi l-problema ulterjuri li l-vizzju tad-droga qiegħda taggrava l-problemi mentali tiegħu.

Fil-fatt, din il-Qorti fehmet illi l-imputat għandu problema akuta u serja ħafna ta' dipendenza fuq id-droga, liema dipendenza qiegħda tagħmel ħsara lil ommu li sfat vittma kostanti tal-imġieba persistenti kif ukoll aggressiv tiegħu u sejra inevitabbilment twassal għal konsegwenzi gravi mhux biss għall-imputat iżda wkoll għall-vittma kostanti tiegħu.  Indubbjament l-imputat għandu bżonn jingħata għajnuna immedjata biex jindirizza u jegħleb il-vizzju tad-droga li huwa evidentement l-kaġun ta' din il-kondotta oppressiva u inġusta fil-konfront ta' ommu, liema komportament huwa wiehed ripetut u sistematiku.  Madanakollu, huwa evidenti illi l-imputat m'huwiex lest illi jagħraf li għandu bżonn jirrijabilita ruħu u jiddesisti milli jkompli jagħti fastidju lil ommu u jieħu l-kura neċessarja u lanqas mhu lest joqgħod għad-direttivi li jingħatawlu f'każ li jingħata sanzjoni fil-komunita'.

Fil-kalibrazzjoni tal-piena, il-Qorti kkunsidrat illi r-reati ġew addebitati bħala reat kontinwat kif ukoll il-fatt illi r-reati taħt l-Artikolu 86 (kif aggravat taħt l-Artikolu 87) u 412Ċ(11) tal-Kap. 9 ġew kommessi bħala mezz għall-fini biex jitwettaq ir-reat ta' fastidju u għalhekk bl-applikazzjoni tad-dispożizzjonijiet tal-Artikolu 17(h) tal-Kap. 9, għandha tinghata l-piena għar-reat l-iktar gravi li f'dan il-każ hu dak taħt l-Artikolu 87 tal-Kodiċi Kriminali.

**Għal dawn il-motivi filwaqt li ma ssibx lil CHRISTOPHER ZAMMIT ħati tat-tielet u r-raba' imputazzjonijiet u tilliberah minnhom, wara li rat l-Artikolu 17, 18, 31, 86, 87(1)(e)(ċ)(h), 202(h)(l), 251A, 251Ċ, 251H(a), 251HA 339(1)(e), 412Ċ(11)(12) u 579(2)(3) tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta, issibu ħati tal-ewwel, it-tieni, il-ħames, is-sitt u s-seba' imputazzjonijiet u tikkundannah sentejn priġunerija effettiva u għall-finijiet tal-Artikolu 579(2)(3) tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta, tordna wkoll il-konfiska favur il-Gvern ta' Malta tal-ammont ta' erbat elef Euro (€4,000), l-ammont stabbilit fid-digriet moghti fis-26 ta' Mejju 2021li bih inghata l-helsien mill-arrest taħt garanzija.  Tirrevoka wkoll id-digriet**

**tas-26 ta' Mejju 2021 li permezz tiegħu il-ħati ngħata l-ħelsien mill-arrest taħt garanzija u tordna r-riarrest mill-ġdid tiegħu.**

**Għal dan il-fini, tordna li kopja tas-sentenza tintbagħat lir-Reġistratur tal-Qorti biex jieħu konjizzjoni tal-konfiska tal-ammont stabbilit fid-digriet tas-26 ta' Mejju 2021.**

**Għall-finijiet tal-Artikolu 22 tal-Kodici Kriminali, il-Qorti tordna li kull żmien qabel illum li l-hati jkun inżamm fil-ħabs għar-reati li tagħhom qiegħed jinstab hati u kkundannat permezz ta' din is-sentenza, jitqies bħala parti miż-żmien ta' priġunerija taħt u ghall-fini ta' din il-kundanna tal-lum.**

**Għall-fini tal-Artikolu 412D tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta, tordna wkoll il-hrug ta' Ordni ta' Trattament fil-konfront tal-ħati CHRISTOPHER ZAMMIT sabiex jinghata trattament psikoloġiku u jew psikjatriku kif ukoll trattament sabiex jeghleb il-vizzju tal-abbuz mid-droga ghal perijodu ta' tliet (3) snin, taht it-termini u kundizzjonijiet elenkati fid-digriet moghti kontestwalment. Billi tqis illi bħala parti mit-trattament jista' jeħtieġ illi l-ħati jagħmel programm residenzjali biex jinħeles mill-vizzju tad-droga, tirrakkomanda lill-Kap Eżekuttiv tal-Aġenzija għas-Servizzi Korrettivi jippermetti li l-ħati jipparteċipa f'dan il-programm waqt li jkun qiegħed jiskonta l-piena ta' priġunerija.**

**Qiegħda għalhekk tordna li kopja ta' din is-sentenza tintbagħat lid-Direttur tas-Servizzi tal-Probation u Parole kif ukoll lill-Kap Eżekuttiv tal-Aġenzija għas-Servizzi Korrettivi.**

**Billi tqis li huwa mehtieg u spedjenti sabiex tipprovdi ghas-sigurta` ta' Rosina Zammit kontra imġieba tal-hati li tikkaġuna fastidju, qieghda b'zieda mal-piena, tordna l-hrug ta' Ordni ta' Trazzin kontra l-istess CHRISTOPHER ZAMMIT a tenur tal-Artikolu 382A tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta ghal zmien sentejn u dan taht it-termini u kundizzjonijiet ohrajn elenkati fid-digriet mogħti**

**kontestwalment, liema terminu ghandu jibda jiddekorri wara li tigi skontata l-piena ta' prigunerija.**

**Tordna li kopja ta' din is-sentenza tintbagħat lill-Kummissarju tal-Pulizija sabiex jassigura l-implementazzjoni effettiva tal-Ordni ta' Protezzjoni.**

**DR. RACHEL MONTEBELLO**
**MAĠISTRAT.**